



## L-evalwazzjoni tar-riskji u d-diversità tal-forza tax-xogħol: biex jiġi żgurat li kulħadd ikun kopert. Sommarju ta' rapport tal-Aġenzija

### Introduzzjoni

Il-ħaddiema mhux kollha huma esposti għall-istess riskji u xi gruppi ta' ħaddiema speċifiċi huma esposti għal iktar riskji (jew huma soġġetti għal ħtiġijiet partikolari). Meta nitkellmu dwar ħaddiema esposti għal riskji 'partikolari' jew 'iktar', inkunu qegħdin nirreferu għal ħaddiema soġġetti għal riskji speċifiċi minħabba l-età, l-orijini, is-sess, il-kondizzjoni fiżika jew l-istatus tagħhom fl-intrapriża. Dawn in-nies jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għal ċerti riskji u jkollhom ħtiġijiet speċifiċi fuq il-post tax-xogħol.

Il-leġiżlazzjoni dwar is-Saħħa u s-Sigurtà<sup>(1)</sup> titlob li min iħaddem jagħmel il-valutazzjonijiet tar-riskji u tenfasizza l-ħtieġa li 'x-xogħol jiġi adattat għall-individwu', l-obbligu għal min iħaddem li 'ikollu fil-pussess tiegħu valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, inklużi dawk li jiffaċċjaw il-gruppi ta' ħaddiema li huma esposti għal riskji partikolari' u li 'il-gruppi sensittivi għar-riskju għandhom ikunu mħarsa kontra l-perikli li jaffettwawhom b'mod speċifiku'.

Id-diversità u l-ġestjoni tad-diversità fuq il-post tax-xogħol huma kwistjonijiet importanti fis-saħħa u s-sigurtà ta' kuljum, f'dak li għandu x'jaqşam max-xogħol. Madankollu, id-diversità rari ġiet studjata mill-perspettiva tal-valutazzjoni tar-riskju. L-għodod prattiċi tal-valutazzjoni tar-riskju, li jieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji speċifiċi ffaċċjati, pereżempju minn persuni b'diżabilità, ħaddiema immigranti, ħaddiema akbar fl-età, nisa u ħaddiema temporanji, xorta waħda għandhom rari. Huwa ttamat li r-riċerka u l-iżviluppi ulterjuri jwasslu għal materjali ta' gwida addizzjonali fil-futur.

### L-għan tar-rapport

Ir-rapport prodott mill-Aġenzija jagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni tar-riskju inklużiva, bil-għan li d-diversità tal-forza tax-xogħol fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tittieħed f'kunsiderazzjoni. L-għan ewlieni ta' dan ir-rapport huwa li jiddeskrivi għaliex u kif l-evalwazzjoni tar-riskju tista' u għandha tkopri l-forza tax-xogħol kollha, u li jżid l-għarfien fost dawk responsabbli għal u affettwati mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol — dawk li jħaddmu, l-impjegati, ir-rappreżentanti tas-sigurtà u l-prattikanti tas-saħħa u s-sigurtà relatati max-xogħol — dwar l-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji għall-ħaddiema kollha.

L-ewwel parti ta' dan ir-rapport tippreżenta l-kwistjonijiet ewlenin li jirrigwardjaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' sitt kategoriji ta' ħaddiema li huma meqjusa li jinsabu f'iktar riskju: il-ħaddiema immigranti, il-ħaddiema b'diżabilità, il-ħaddiema



żgħażaġh u dawk akbar fl-età, in-nisa (kwistjonijiet ta' sess) u l-ħaddiema temporanji. Fl-aħħar ta' kull sottosezzjoni, jiġu pprovduti links għal aktar informazzjoni u gwida prattika jew għodod għall-valutazzjoni tar-riskju.

Imbagħad, ir-rapport jiffoka fuq il-prevenzjoni tar-riskji ffaċċjati mill-gruppi differenti ta' ħaddiema. Huwa jipprovi deskrizzjonijiet ta' azzjonijiet prattiċi fuq il-post tax-xogħol jew fuq livell settorali u l-isfond tagħhom, inklużi gruppi li huma fil-mira, u modi ta' kif jiġu identifikati u evalwati r-riżultati, l-effetti sekondarji, il-fatturi tas-suċċess u l-problemi.

### Kwistjonijiet ewlenin għal valutazzjoni tar-riskju 'sensittiva għall-inklużjoni'

- Tiegħu l-kwistjonijiet tad-diversità bis-serjetà u jkollok impenn pożittiv.
- Tevita li tagħmel suppożizzjonijiet minn qabel dwar x'inhuma l-perikli u min huwa fir-riskju.
- Tivaluta l-forza tax-xogħol diversa bħala xi ħaġa utli u ta' valur (u mhux bħala problema).
- Tikkunsida l-ħaddiema kollha, inklużi dawk li jnaddfu, dawk li jilqgħu lill-kljenti, il-ħaddiema tal-manutenzjoni, ħaddiema tal-aġenziji temporanji, ħaddiema fuq bażi part-time, eċċ.
- Tadatta x-xogħol u l-miżuri ta' prevenzjoni għall-ħaddiema. Li tqabbel ix-xogħol mal-ħaddiema tiegħek huwa prinċipju ewlieni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.
- Tqis il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol diversa fl-istadju tad-disinn u l-ippjanar, minflok tistenna li jiġi impjegat ħaddiem b'diżabilità/anzjan/immigrant u mbagħad ikollok tagħmel it-tibdiliet.
- Tgħaqqad is-saħħa u s-sigurtà relatati max-xogħol ma' kwalunkwe azzjoni ta' ugwajanza fuq il-post tax-xogħol, inklużi pjanijiet ta' ugwajanza u linji politiċi mingħajr diskriminazzjoni.

(1) Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

- Tipprovdi taħriġ rilevanti u informazzjoni dwar kwistjonijiet tad-diversità rigward ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, lil dawk li jagħmlu l-valutazzjoni tar-riskji, maniġers u kontrolluri, rappreżentanti tas-sigurtà, eċċ.
- Tipprovdi taħriġ adegwat dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol lil kull ħaddiem; tfassal il-materjal tat-taħriġ skont il-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet tal-ħaddiema.
- Valutazzjoni tar-riskju inklużiva għandha tiegħu tifsila parteċipattiva, billi tinvolvi lill-ħaddiema kkonċernati u tkun ibbażata fuq eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni reali tax-xogħol.
- L-eżempji ta' prattika tajba ta' valutazzjoni tar-riskju inklużiva jippreżentaw taħlita ta' miżuri preventivi (li jadattaw ix-xogħol għall-individwu, jadattaw għall-progress tekniku, jagħtu struzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema, jipprovdu taħriġ speċifiku, eċċ.). L-adozzjoni ta' dawn il-miżuri interkonnessi hija fattur ta' suċċess prinċipali.
- Minn valutazzjoni tar-riskju għal kategoriji ta' ħaddiema f'riskju miżjud, li telimina r-riskji u tindirizza l-perikli fis-sors, jibbenifikaw il-ħaddiema kollha (irrispettivament mill-età, is-sess, in-nazzjonalità u d-daqs). Eżempji ta' miżuri li minnhom tista' tibbenifika l-forza tax-xogħol kollha jinkludu dawn li ġejjin:
  - L-installazzjoni ta' aġġustamenti għal bini jew stazzjonijiet tax-xogħol (biex jakkomodaw lil ħaddiema b'diżabilità, ħaddiema akbar fl-età, eċċ.), pereżempju, rampi, liftijiet, swiċċijiet tad-dawl u turġien miżbugħin b'żebgħa ċara fit-tarf tagħhom, eċċ.
  - L-adozzjoni ta' għodod u strumenti aktar ergonomiċi (li jistgħu jiġu adattati għall-ispeċifitàjiet ta' kull ħaddiem, irrispettivament mid-daqs jew mill-karatteristiċi tagħhom). Dan ikun ifisser li x-xogħol jew kompitu jista' jsir minn firxa usa' ta' ħaddiema (nisa, ħaddiema akbar fl-età, irġiel qosra, eċċ.), pereżempju minħabba tnaqqis fl-ammont ta' saħħa fiżika meħtieġa.
  - Il-provvediment tal-informazzjoni kollha dwar is-saħħa u s-sigurtà f'formati aċċessibbli (bil-għan li din l-informazzjoni tkun tintfiehmed aħjar mill-ħaddiema immigranti).
  - L-iżvilupp ta' metodi u strateġiji biex jinżammu l-ħaddiema tax-xift antiki, b'mod partikolari; minn dawn l-istrateġiji għandhom jibbenifikaw il-ħaddiema kollha (irrispettivament mill-età) u x-xogħol bix-xift għandu jsir aktar attraenti għall-impjegati l-ġodda.
- Kull meta kumpanija jew organizzazzjoni tagħmel bidliet fl-ambjent fiżiku tal-post tax-xogħol, jew tixtri tagħmir ġdid, huwa importanti li din tassigura li dawk il-bidliet jew tagħmir mixtri jkunu wkoll addattati għad-diversità tal-forza tax-xogħol.
- Jekk il-kumpanija jew l-organizzazzjoni ma tkunx kompetenti biex tittratta r-riskji ta' grupp speċifiku ta' ħaddiema, huwa importanti li din tfittex il-pariri. Dawn jistgħu jiġu pprovduti mis-servizzi u l-awtoritajiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, professjonisti tas-saħħa, professjonisti tas-sigurtà u ergonomisti, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-ħaddiema b'diżabilità jew immigranti, eċċ.
- L-eżempji ta' prattika tajba ta' valutazzjoni tar-riskju inklużiva juru li, sabiex kwalunkwe azzjoni ta' prevenzjoni tkun effettiva, huwa essenzjali li jiġu involuti l-firxa wiesgħa ta' atturi li huma kkonċernati direttament: il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-

kunsilli tax-xogħol, il-maniġment, l-esperti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-kuntratturi jew subkuntratturi, eċċ.

### Studju ta' każ — Ħaddiema anzjani produttivi — Riforma tal-pan tax-xiftijiet f'Polyfelt (issa TenCate), fl-Awstrija

Il-maniġment u l-kunsill tax-xogħol ta' impjant tal-kimika fl-Awstrija, iffaċċjaw il-problemi ta' xogħol intensiv bix-xift, forza tax-xogħol li kienet qiegħda tixjieħ u età żgħira tal-irtirar. Fi proċess parteċipatorju, ġiet żviluppata skeda ġdida tax-xiftijiet, bil-għajnuna tal-esperti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Din irriżultat f'sitwazzjoni vantaġġuża għal kulħadd. Inqas sigħat tax-xogħol matul il-ġimgħa, inqas xiftijiet bil-lejl u waqfien itwal fix-xift huma l-benefiċċji ewlenin li kisbu l-impjegati. Fost il-benefiċċji li gawdjet minnhom il-kumpanija nsemmu l-produttività ogħla, l-irtirar aktar tard u l-immaġini mtejbja tal-kumpanija bħala sors ta' impjegati tajbin.

### Studju ta' każ — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ħaddiema b'diżabilità fil-kumpanija Ford, il-Ġermanja

L-għan ta' dan il-proġett kien li jintegra lill-ħaddiema b'diżabilità fil-proċess tal-produzzjoni wara li jidħlu lura minn lif tal-mard fit-tul. Il-kumpanija waqqfet tim ta' ġestjoni tad-diżabilità b'impjegati u rappreżentanti tal-maniġment, wettqet valutazzjoni tar-riskju bl-użu tal-għodda għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-ambjent tax-xogħol (IMBA), kura medika individwali u kontrolli tal-abbiltà individwali, u wara għamlet użu mis-sejbiet għad-disinn tal-post tax-xogħol. Problemi oħrajn li nqalgħu ġew evalwati permezz ta' kwestjonarji. Sa issa, kien hemm madwar 500 ħaddiem u ħaddiema li ġew integrati mill-ġdid fil-proċess tal-produzzjoni. Il-proġett rebaħ diversi unuri.

### Kif tista' tikseb ir-rapport

Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli bl-Ingliż fuq il-websajt tal-Aġenzija fuq: <http://osha.europa.eu/en/publications/reports/TE7809894ENC/view> minn fejn jista' jitniżżel mingħajr ħlas.

Din l-iskeda informattiva hija disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE fuq: <http://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/87/view>

### Għal aktar informazzjoni

'Postijiet tax-Xogħol Li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa. Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija. Kampanja Ewropea dwar l-evalwazzjoni tar-riskju' hija t-tema għall-kampanja Ewropea 2008/09 immexxija mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) f'aktar minn 30 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE. Din l-iskeda informattiva saret biex tappoġġja lill-kampanja.

Skedi informattivi oħrajn fis-serje u aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-riskju huma disponibbli fuq <http://osha.europa.eu/topics/riskassessment>

Dan ir-riżors qiegħed jiġi żviluppata u aġġornat kontinwament. <http://hw.osha.europa.eu> hija l-link diretta għall-kampanja Ewropea.

## L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, 48009 Bilbao, SPAIN

Tel. +34 944794360, Fax +34 944794383

Posta elettronika: [information@osha.europa.eu](mailto:information@osha.europa.eu)

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jkun rikonoxxut is-sors. Printed in Belgium, 2009

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

